A.L. 198 ta' l-2003

ATT DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATIVI

(KAP. 442)

Regolamenti ta' l-2003 dwar is-Soċjetajiet Koperativi

(Ġbir ta' Drittijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12 u 108 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperativi, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali stabbilixxa dan li ġej:–

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar is-Soċjetajiet Koperativi (Ġbir ta' Drittijiet), u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2003.

Tifsir.

2. Kliem użat f'dawn ir-regolamenti għandu jkollu l-istess tifsir kif għandu fl-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

Setgħa ta' ġbir ta' drittijiet.

3. Id-drittijiet imniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu dawk id-drittijiet li għandhom jinġabru dwar l-ispezzjoni jew il-ħruġ ta' dokumenti, ċertifikati, kopji jew estratti taħt l-Att.

SKEDA

(Regolament 3)

Reġistrazzjoni ta' dokumenti mibgħuta lis-Segretarju tal-Bord tal-Koperativi skond l-Artikolu 29 (1), (2) u (3) ta' l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi, (Kap. 442):	Lm25
Għal kull kopja, għal kull folja:	10 ċenteżmi
Għal ċertifikat dwar kopji veri:	25 ċenteżmi
Għal kull ċertifikat ieħor maħruġ fuq it-talba ta' persuna:	Lm1
Għal kull spezzjoni ta' dokumenti, f'għamla stampata, ta' kull soċjetà koperativa, għal kull *file*:	Lm1
Għall-ispezzjoni ta' dokumenti, f'għamla elettronika, ta' soċjetajiet koperativi, għal kull siegħa jew parti minnha:	Lm1